MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 358/2011

A B

-vs-

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax ta’ Dicembru tas-sena elf disa mija u tlieta u sebghajn (14/12/1973) [Ara Dok. “A” hawn anness], u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda biss D mizzewga Camilleri u li illum hija maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor John Patrick Hayman fit-tnejn ta’ Jannar tas-sena elf disa mija u tnejn u disghajn (02/01/1992) [Ara Dok. “B” hawn unit];

Illi m’hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin u cioe’ ghal aktar minn tmintax (18) il-sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponent iffurma rabtiet ma’ persuna ohra;

Illi l-esponent ghadu jonora l-obbligu tieghu lejn l-intimata li jissoministra manteniment lilha meta jkun f’impjieg effettiv u dana kif hemm stipulat fil-klawsola hamsa (5) tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lil binthom komuni D li ghandha aktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena u hija mizzewga;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-14 ta’ Dicembru 1973;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat illi l-intimata debitament notifikata ghazlet illi ma tipprezentax risposta;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u il-provi kollha li gew prodotti;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega mill-Ligi ghall-ottjeniment tad-divorzju gew sodisfatti peress illi il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor John Patrick Hayman fit-2 ta’ Jannar 1992;

Rat illi irrizulta mill-provi illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Rat ukoll illi ir-rikorrenti dejjem issominìstra manteniment lill-intimata u ma tezisti l-ebda problema fir-rigward ta’ manteniment u illi illum il-gurnata ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-binthom minuri D illi ghandha iktar minn 23 sena u hija mizzewga;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja d-divorzu bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------